Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 204/2015

Il-Pulizija

Vs

Jesmond Camenzuli

Illum 10 ta' Diċembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jesmond Camenzuli detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 272269M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispoozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax xhur minn Mejju, 2014 sa Awwissu, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Sharon Camenzuli u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas din is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jesmond Camenzuli, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah skond il-Ligi, fin-nuqqs, fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni orha li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

i. Illi preliminrjament is-setneza moghtija hija nulla stante li ma ssemiex l-Artikolu tal-Ligi li tikkontempla r-reat li tieghu il-Qorti sabithu hati, u dan kif jirrizulta bl-aktar mod car mill-annessa kopja tas-Sentenza (Dok A) mentri l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula bl-aktar mod car illi:

   *'Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat'*

ii. Illi prelimiarjament ukoll is-sentenza moghija hija nulla ukoll stante li hija nieqsa ukoll milli tghid il-fatti li taghhom l-appellant gie misjub hati, u dan ai termini tal-istess Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-proceduri odejerni huma fil-kamp kriminali, ghalhekk jirrizulta illi jehtieg li tingieb l-ahjar prova, pero' fl-umli fehma tal-esponenti appellatn, fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti ma ngiebitx l-ahjar prova rigward l-allegat nuqqas ta' hlasijiet da parti tieghu. Fix-xhieda taghha l-parte civile Sharon Camenzuli, bil-gurament xehdet illi l-manteniment li ma kienx imhallas kien tax-xhur ta' Mejju, Gunju, Lulju u Awwissu tas-sena 2014 u cioe' ix-xhur li ghalihom harget it-tahrika. Izda, in kontro-ezami, l-istess Parte Civile bidlet il-verzjoni taghha u qalet illi ghax-xahar ta' Lulju, 2014 l-appellant kien hallas zgur. Mill-banda l-ohra, wiehed irid izomm quddiem ghajejh il-fatt illi t-tezi tal-appellant, u cioe' dik li huwa dejjem halls il-manteniment dovut ghall-udiedu giet korroborata minn prova dokumentarja u dan billi l-appellant esebixxa kopja ta' cekkijiet pagabbli lil Sharon Camenzuli ghax-xhur ta' Mejju, Gunju, Lulju u Awwissu, 2014.

iv. Illi dejjem bla pregudizzju ghald dak fuq espost, dwar il-piena nflitta ta' xahrejn prigunerija, l-esponenti appellatn ihossu aggravat sante illi din il-piena hija wahda eccessiva tenut kont tan-natura u c-cirkostanzi tal-kaz u tal-fatti illi kien hemm diversi pieni u sanzjonijet ohra li setghu jigu applikati f'dan il-kaz. Bl-akbar rispett ghandu jigi konsidrat il-fatt li l-kondottata tal-esponenti hija wahda intatta u nadifa u allura l-piena ta'

detenzjoni fuq indvidwu illi ghandu kondotta netta u li qatt ma xellef difru mal-Gustizzja, hija sproporzjonata u ser ikollha effetti negattivi fuqu u fuq xoghlu. Fl-umli fehma tal-appellant fl-eventwalita' li tirrizulta htija da parti tieghu, jezistu forom ohra ta' pieni anqas drakonjani.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta ta' llum dehret il-parte lesa Sharon Camenzuli li informat lill-Qorti illi l-manteniment dovut permezz tal-presenti stanza gie mhallas u ghalhekk ma kellha l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-kaz ta' dan l-appell.

Illi madanakollu l-Qorti ma tistax hlief tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fil-mertu billi jirrizulta illi l-hlas tal-manteniment sar tardivament izda ser tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt fil-kalibrazzjoni tal-piena u ghalhekk ser tvarja l-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu, izda qed tvarja l-piena inflitta u wara li rat l-artikolou 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal-zmien sitt xhur.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur